TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1462

KAZ NRU. 1695

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maghqudin
Taqsima Manifattura, Servizzi
u Haddiema Allejati

u

Maltapost plc

dwar l-allegazzjoni tal-Union li l-Kumpanija
naqset li tati promozzjoni dovuta lil xi haddiema

Data : 5 ta' Jannar 2004

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

MEMBRI : Is-Sur Charles Magro

Is-Sur Arthur Muscat

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Agent Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 23 ta' Awissu 2002 b'referenza MSP/2/97/63 – 876/02 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 27 tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It Tribunal zamm 8 seduti.

Il-Union Haddiema Maqghudin, aktar il-quddiem tissejjah il-"Union", kienet rapprezentata originarjament mis-Sur Joe Morana u sussegwentement mis-Sur Jesmond Bonello, waqt li l-Maltapost plc, aktar il-quddeiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Teddy Cilia asasistit mill-Avukat Vanessa Borg.

Fl-Istqarrija tal-Kaz il-Union qalet li l-haddiema koncernati gew michuda minn promozzjoni li kienet dovuta lilhom billi l-Kumpanija ghazlet li thallas *substitution allowance* flok ittihom il-promozzjoni misthoqqa, skond ftehim dwar riorganizzazzjoni kif specifikat fil-Ftehim Kollettiv, minkejja li kienu ilhom iwettqu d-dmirijiet tal-grad ta' *administrator* ghal madwar sena. Minn naha l-ohra l-Kumpanija sostniet li dawn l-impjegati ma kienux qed jimlew il-grad ta' *administrators* ghax ma kienetx tezisti vakanza f'dan il-grad izda kienu biss qed jissostitwixxu ghal matul il-perijodu ta' ristrutturazzjoni li kienet ghada mhix finalizzata. Dawn il-haddiema kienu u ghadhom qed jircievu *substitution allowance* skond il-ftehim.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie stabbilit li :

1. Dawn il-haddiema, flimkien ma ohrajn, kienu ircevew ittra fi Frar 2001 mill-Kumpanija fejn gew infurmati li skond l-*official seniority list* gew identifikati bhala *in line for promotion* u gew mistiedna jghidu jekk kienux interessati fil-post ta' *administrator.* Dawn accettaw u sussegwentement intalbu jattendu kors ta' tahrig ;
2. Kienu gew appuntati *Administrators* numru minn dawk li attendew ghall-Kors bl-ahhar wiehed minnhom jigi appuntat f'Marzu 2001 u minn dak iz-zmien ma gewx appuntati aktar f'dak il-grad;
3. Fil-Ftehim bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union (G.W.U.), iffirmat fil-11 ta' Mejju, 1999, dwar Riorganizzazzjoni tas-Servizzi Postali u Klassifikazzjoni, *Regrading* u Assimilazzjoni tal-gradi kien stipulat fil-klawzula 12 li "*Subject to satisfactory performance Postal Operators............ are automatically promoted to Administrator grade whenever a vacancy in the grade exists",* u skond il-klawzula 16 meta ma setghax jinstab impjegat fil-grad ta' *administrator* biex jaghmel xoghol fis-*Central Mail Room* dan jista' jsir minn *Postal Operator* li ghandu jithallas *substitution allowance ;*
4. Fi klawzula 2 ta' l-istess ftehim hemm li d-doveri kollha tal-Kumpanija ghandhom isiru skond il-gradi kif indikati fl-Appendici 1 sa 15.
5. Fil-fatt ir-riorganizzazzjoni kontemplata f'dan il-ftehim ma gietx mwettqa ghaliex l-ewwel kien hemm il-hsieb li ssir ristrutturazzjoni tal-Kumpanija u mbaghad il-Gvern iddecieda li din tigi pprivatizzata.

Il-Kumpanija waqt it-trattazzjoni tal-kaz u fis-sottomissjonijiet finali sostniet li ma kienetx tat il-promozzjoni lil dawn il-haddiema ghaliex :

1. Meta inatat l-ahhar promozzjoni fil-grad ta' *Administrator* f'Marzu 2001 kienu ntlew il-vakanzi kollha ;
2. Il-Ftehim tal-11 ta' Mejju 1999 ma giex implimentat minhabba li nbidlu totalment ic-cirkostanzi ;
3. Il-*Complement* indikat fil-Ftehim qatt ma kien applikabbli u fil-fatt qatt ma gie attwat ;
4. In-numri indikati fl-Appendici 1 sa 15 x'aktarx kienu bazati fuq in-numru li kien hemm dak iz-zmien f'kull grad ;
5. Minhabba s-sitwazzjonmi ta' privatizzazzjoni u l-gharfien li kien hemm numru sostanzjali ta' haddiema zejda ma kienx prudenti li wara Marzu 2001 jinataw promozzjonijiet lill-impjegati bil-periklu li wara dawn jigu dikjarati *redundant* f'dak il-grad.
6. Il-GWU, li dak iz-zmien kienet tirrapprezenta il-maggoranza tal-haddiema, fehmet is-sitwazzjoni difficli li kienet ghaddejha minnha il-Kumpanija u qadet lura milli tinsisti fuq it-twettieq ta' dak kollu mnizzel fil-Ftehim.

Minn naha l-ohra l-Union ikkontendiet li l-promozzjonijiet kienu dovuti ghaliex :

1. il-haddiema koncernati kienu ilhom jaghmlu xoghol ta' grad ghola minn taghhom ghal madwar sena fl-istess post ;
2. skond il-Ftehim kellhom jinataw promozzjoni malli tkun tezisti vakanza ;
3. f'appendici 1 sa 15 tal-Ftehim il-*Complement* ta' *Administrators* kien indikat fin-numru ta' 214 waqt li f'Marzu 2001 ma kienx hemm dan in-mumru appuntati fil-grad ;
4. il-Ftehim tal-11 ta Mejju 1999 qatt ma gie mhassar jew ufficjalment sospiz u ghalhekk il-Kumanija kellu l-obbligu li tonorah ;
5. Il-GWU, li qabel kienet tirrapprezenta l-haddiema, kienet tikkunsidra li n-numru ta' postijiet indikati fil-Ftehim kien l-*Complement* **maqbul** u qatt ma kkunsidrat li dan il-Ftehim kien temporanjament sospiz ;
6. Ghalkemm ghal xi zmien il-GWU accettat li kien hemm sitwazzjoni difficli biex tkompli tinhadem ir-Riorganizzazzjoni skond il-Ftehim, fis-16 ta' Jannar 2002 kitbet lill-Kumpanija biex tinfurmha li numru ta' haddiema qed jigu sfruttati billi jinataw xoghol ghola mill-grad taghhom u jithallsu biss *substitution allowance* minnflok jiehdu promozzjoni. Il-GWU infurmat il-Kumpanija li kien ikollha tiehu azzjoni ndustrijali jekk ma jinatax rimedju.

It-Tribunal ikkunsidra li :

1. Kien hemm htiega li ssir ristrutturazzjoni u qabel ma din twettqet il-Kumpanija kellha tiehu passi biex twettaq decizjoni tal-Gvern dwar privatizzazzjoni ;
2. Gie stabbilit li kien hemm numru sostanzjali ta' haddiema zejda minhabba bidla fic-cirkostanzi ;
3. L-argument tal-Kumpanija, li *Complement* ma jistghax u mghandux ikun stipulat b'mod rigidu, huwa validu ghaliex hija logika li huma l-htiegijiet ta' Kumpanija minn zmien ghal zmien li jiddeterminaw kemm in-numru kif ukoll il-gradi li jkun hemm bzonn biex jissodisfaw dawn il-htiegijiet.
4. B'dana kollu kienet il-Kumpanija li rabtet idejha b'*Complement* rigidu meta ffirmat il-Ftehim tal-11 ta' Mejju 1999 li f'Klawsula 2 stipula li d-doveri kollha tal-Kumpanija ghandhom isiru minn impjegati fil-gradi kif indikati fl-Appendici 1 sa 15. Dan ma jhalli ebda dubju li dawn kienu jifformaw parti ntegrali mill-Ftehim li kellu sahha ta' Ftehim Kollettiv ;
5. Ma jirrezultax li dan il-ftehim qatt gie sospiz jew li l-Kumpanija qatt talbet ufficjalment jew insistiet li dan ghandu jigi sospiz jew terminat ;
6. Ma jirrezultax li qatt kien hemm in-numru ta' *Administrators* kif indikat fl-Appendici u, fil-fatt, f'Marzu 2001 dan kien 179 jigifieri 35 anqas minn dak stabbilit ;
7. Minn Jannar 2002 sad-data li tressaq il-kaz fit-Tribunal dejjem kien hemm mill-anqas 10 impjegati jircievu *substitution allowance* ghal xoghol ta' *Administrators* u barra Jannar 2002 dan kien ivarja bejn 13 u 23.
8. Ghalkemm il-GWU accettat is-sitwazzjoni ghal xi zmien, ma hemmx dubju li, bl-ittra taghha tas-16 ta' Jannar 2002, insistiet li c-cirkostanzi kienu tali li l-Kumpanija kellha tonora l-ftehim. Meta r-rapprezentanza tal-maggoranza tal-haddiema ghaddiet ghand il-UHM din kompliet tinsisti mal-Kumpanija biex tonora l-obbligi tal-Ftehim
9. Il-haddiema koncernati kienu ilhom jaghmlu xoghol ta' *Administrators* kontinwament ghal madwar sena fl-istess post u qatt ma tpoggew minnflokhom ohrajn li l-Kumpanija qed tghid li kienu zejda ;
10. Mhux xieraq li haddiema jinataw xoghol ghola mill-grad taghhom ghal zmien tant twil minghajr ma jinataw il-promozzjoni ghal tali grad.

Ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal jiddeciedi li l-haddiema koncernati ghandhom jigu appuntati *Administrators* b'effett mis-16 ta' Jannar 2002 u ghandhom jithallsu l-arretrati tal-paga ta' dan il-grad nieqes s-*substitution allowance* li jkunu rcevew.

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

KUMMENT : Ghalkemm it-Tribunal, kif inhu xieraq, ibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-fatti u c-cirkostanzi li kienu jsehhu meta tressaq il-kaz, jinnota li, minkejja li ufficjal gholi tal-Kumpanija xehed fis-26 ta' Mejju 2003 li kien hemm 16 zejda fil-grad ta' *Administrator*, ftit xhur biss wara gew appuntati numru ta' mpjegati f'dan il-grad (fosthom tnejn mill-appellanti li kienu ghadhom mal-Kumpanija) b'arrangamenti li qablu dwarhom il-Gvern, il-Kumpanija u l-Union.

George Borg Cardona
Chairman

Charles Magro
Membru

Arthur Muscat
Membru

Mary Rose Galea
A/Segretarja